MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 1290/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Emanuel Salerno**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Salerno**, ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben il-mejjet Carmel u Elvira neé Grech, imwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' Dicembru 1956, u li joqghod 'Fatima', Triq Qrajten, Pieta' detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36157(M)

akkuzat talli nhar l-20 ta' Novembru 2011 ghall-habta tas-6.15 ta' filghaxija gewwa l-Pieta:

1. bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Borg, persuna anzjana ta' 64 sena, f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi tah daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (mus) fil-partijiet vitali tal-gisem, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-imsemmi Joseph Borg skond kif gie ccertifikat minn Dott. Jonathan Zammit MD Reg. No. 3054 tal-Isptar Mater Dei;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-imsemmi Joseph Borg, liema feriti jistghu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem, jew igib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh jew li jgiblu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew wahda mill-idejn tal-offiz;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mus), jew imitazzjoni ta' arma regolari;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 419) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 216(1)(a)(b)(2), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tad-29 ta' April 2013 (*a fol.* 421), l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile*.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Rat illi fl-iskrittura ezebita u mmarkata bhala Dok. "VD 1" (*a fol.* 422 *et seq.*) il-*parte civile* ddikjara li kien qed jahfer lill-imputat u li fl-iskrittura ezebita u mmarkata bhala Dok. "VD 2" (*a fol.* 425) il-*parte civile* ddikjara li kien jinsab pjenament sodisfatt bil-kumpens moghti lilu mill-imputat u li ma kellux aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-*parte civile* u lid-difiza, fis-seduta tad-29 ta' April 2013 (*a fol.* 421) jiddikjaraw li kienet sehhet tranzazzjoni bejn il-*parte civile* u l-imputat u li l-istess *parte civile* kien thallas id-danni minnu reklamati a saldu.

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 8 ta' Marzu 2013 u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, fost partikolari dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tinghata lill-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 8 ta' Marzu 2013 u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati. Ghandu jinghad li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (cioé dik ta' attentat ta' qtil) *stante* li din ma gietx indikata fin-nota kontenenti l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li sehhet tranzazzjoni bejn il-*parte civile* u l-imputat u li l-istess *parte civile* kien thallas id-danni minnu reklamati a saldu u kif ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tinghata lill-imputat. M'hemmx dubju li l-imputat m'huwiex ser jibbenifika kompletament mill-fatt li huwa irregistra ammissjoni u dana *stante* li din l-ammissjoni giet registrata wara li l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* kienu ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa, u cioé fi stadju avvanzat ferm ta' dawn il-proceduri. In vista ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza bil-ghan li jaghraf li dak li ghamel huwa hazin hafna bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Marzu 2013 u senjatament Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 216(1)(a)(b)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) tikkundannah ukoll ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' snin.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija Joseph Borg.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' erbat'elef, tmien mija u tnejn u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€ 4842.31) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-mus li jifforma parti minn Dok. "MC 1" (Dok. 11CXF201)

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------